



Kunsill Ewropew

Brussell, 31 ta' Mejju 2022
(OR. en)

EUCO 21/22

CO EUR 19
CONCL 4

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew (30 u 31 ta' Mejju 2022) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. UKRAJNA

1. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna b'mod riżolut il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Huwa jhegġegħ lir-Russja biex twaqqaf minnufih l-attakki indiskriminati tagħha kontra persuni ċivili u l-infrastruttura ċivili, u biex minnufih u mingħajr kondizzjoni tirtira t-truppi u t-tagħmir militari kollha tagħha mit-territorju kollu tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti flivell internazzjonali. L-atroċitajiet imwettqa mill-forzi Russi u t-tbatija u l-qerda li qed jiġu kkawżati huma indeskrivibbli. Il-Kunsill Ewropew jappella lir-Russja biex tippermetti aċċess umanitarju immedjat u l-passaġġ sikur tal-persuni ċivili kollha kkonċernati. Il-Kunsill Ewropew jistenna li d-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż il-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar it-trattament tal-priġunieri tal-gwerra, jiġu rispettati bis-sħiħ. Huwa jappella wkoll lir-Russja biex b'mod immedjat tippermetti r-ritorn sikur ta' individwi Ukreni li ttieħdu bil-forza lejn ir-Russja.
2. Il-Kunsill Ewropew ifaħħar il-kuraġġ u d-determinazzjoni tal-poplu Ukren u tat-tmexxija tiegħu fil-ġlieda tagħhom biex jiddefendu s-sovranietà, l-integrità territorjali u l-libertà ta' pajjiżhom. L-Unjoni Ewropea tinsab determinata fl-impenn tagħha li tgħin lill-Ukrajna teżerċita d-dritt inerenti tagħha ta' awtodifiża kontra l-aggressjoni Russa u tibni futur paċifiku, demokratiku u prosperu. F'dan ir-rigward, hija ser tkompli taħdem mill-qrib mas-sħab internazzjonali.

Ġustizzja internazzjonali

3. Il-Kunsill Ewropew ifaħħar lil daww kollha li qed jgħinu biex tinġabar evidenza u biex jiġu investigati d-delitti tal-gwerra u d-delitti l-aktar serji l-oħra, u jappoġġa l-ħidma intensiva tal-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali f'dan ir-rigward. Ifaħħar ukoll il-ħidma li qed titwettaq mill-Prosekutur Ġenerali tal-Ukrajna bl-appoġġ finanzjarju u ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. Huwa jilqa' b'sodisfazzjon l-istabbiliment ta' Skwadra ta' Investigazzjoni Konġunta kkoordinata mill-Eurojust, li r-rwol tagħha ġie msaħħaħ, u l-appoġġ operazzjonali kontinwu pprovdut mill-Europol. Ir-Russja, il-Belarussja u daww kollha responsabbli ser ikollhom iwieġbu għall-azzjonijiet tagħhom skont id-dritt internazzjonali.

Sanzjonijiet

4. Il-Kunsill Ewropew huwa impenjat li jintensifika l-pressjoni fuq ir-Russja u l-Belarussja biex ifixkel il-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-pajjiżi kollha biex jallinjaw ruħhom mas-sanzjonijiet tal-UE. Kwalunkwe tentattiv biex jiġu evitati s-sanzjonijiet jew biex tingħata għajjnuna lir-Russja b'mezzi oħra għandu jitwaqqaf.
5. Il-Kunsill Ewropew jaqbel li s-sitt pakkett ta' sanzjonijiet kontra r-Russja ser ikopri ż-żejt mhux maħdum, kif ukoll il-prodotti tal-petroleum, ikkonsenjati mir-Russja lejn l-Istati Membri, b'eċċezzjoni temporanja għaż-żejt mhux maħdum ikkonsenjat permezz ta' pipeline.
6. Il-Kunsill Ewropew għalhekk ihegġegħ lill-Kunsill biex jiffinalizzah u jadottah mingħajr dewmien, filwaqt li jiżgura Suq Uniku tal-UE li jiffunzjona tajjeb, kompetizzjoni ġusta, solidarjetà fost l-Istati Membri u kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni wkoll fir-rigward tat-tneħħija gradwali tad-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili Russi. F'każ ta' interruzzjonijiet f'daqqa tal-provvista, ser jiġu introdotti miżuri ta' emerġenza biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ser tissorvelja u tirrapporta regolarment lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fis-Suq Uniku tal-UE u s-sigurtà tal-provvista.
7. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjoni tal-eċċezzjoni temporanja għaż-żejt mhux maħdum ikkonsenjat permezz ta' pipeline malajr kemm jista' jkun.

Appoġġ umanitarju u finanzjarju

8. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tipprovdi appoġġ lill-Ukrajna bil-għan li tindirizza l-bżonnijiet umanitarji, ta' likwidità u ta' rikostruzzjoni.
9. Sa mill-bidu tal-aggressjoni Russa, l-Unjoni Ewropea żiedet l-appoġġ tagħha għar-reżiljenza ekonomika, soċjali u finanzjarja ġenerali tal-Ukrajna, inkluż bl-ġhoti ta' għajjnuna umanitarja. F'dak ir-rigward, il-Kunsill Ewropew ifaħħar ir-riżultati tal-Konferenza Internazzjonali ta' Livell Għoli tad-Donaturi ospitata b'mod konġunt mill-Polonja u l-Iżvezja.

10. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha pprovdew protezzjoni lil miljuni ta' refuġjati li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna, u jibqgħu impenjati li jilqgħuhom u jipprovduhom sikurezza, inkluż billi jgħinu lil pajjiżi ġirien. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta inizjattivi ġodda biex jappoġġaw dan l-isforz fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali.
11. L-Unjoni Ewropea ser tkompli tappoġġa lill-gvern Ukren fil-bżonnijiet urġenti tiegħu ta' likwidità flimkien mas-sħab tagħha tal-G7. Hija tirrikonoxxi l-appoġġ imħabbar fil-kuntest tal-G7. L-Unjoni Ewropea tinsab lesta li tagħti lill-Ukrajna assistenza makrofinanzjarja eċċezzjonali ġdida sa EUR 9 biljun fl-2022. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jappella biex tiġi eżaminata l-proposta tal-Kummissjoni hekk kif tiġi ppreżentata.
12. Ir-rikostruzzjoni tal-Ukrajna ser tkun teħtieġ appoġġ komprensiv biex il-pajjiż jinbena mill-ġdid għall-futur. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha huma lesti li jaqdu rwol prinċipali f'dan ir-rigward. Għalhekk, għandha tiġi kkunsidrata pjattaforma ta' rikostruzzjoni tal-Ukrajna. Din għandha tlaqqa' flimkien lill-gvern Ukren, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, il-Bank Ewropew tal-Investment kif ukoll sħab, istituzzjonijiet finanzjarji, organizzazzjonijiet, esperti u partijiet interessati internazzjonali. L-appoġġ tal-UE għar-rikostruzzjoni ser ikun marbut mal-implimentazzjoni ta' riformi u miżuri kontra l-korruzzjoni konsistenti mal-perkors Ewropew tagħha. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni tagħmel proposti abbażi ta' dan.
13. Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi li saru mill-Istati Membri biex jipprevedu, fil-liġi nazzjonali tagħhom, miżuri xierqa ta' konfiska u jappella lill-Kunsill biex jeżamina malajr il-proposta reċenti tal-Kummissjoni dwar miżuri tal-liġi kriminali f'każ ta' ksur ta' sanzjonijiet tal-UE. Il-Kunsill Ewropew jappoġġa l-opzjonijiet ulterjuri f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali li qed jiġu esplorati b'mod attiv, inkluż opzjonijiet maħsuba biex jintużaw assi Russi ffriżati b'appoġġ għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna.

Appoġġ militari

14. L-Unjoni Ewropea tibqa' wkoll impenjata li tkompli ssaħħa il-kapaċità tal-Ukrajna li tiddefendi l-integrità territorjali u s-sovranità tagħha. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tad-deċiżjoni reċenti tal-Kunsill li jżied l-appoġġ militari lill-Ukrajna fil-qafas tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi.

Appoġġ ekonomiku

15. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-adozzjoni tad-deċiżjoni li jiġu sospiżi d-dazji tal-importazzjoni fuq l-esportazzjonijiet Ukreni kollha lejn l-Unjoni Ewropea għal sena.

Appoġġ politiku

16. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tat-tħejjija tal-opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Ukrajna kif ukoll tar-Repubblika tal-Moldova u l-Georgia għas-sħubija fl-UE, u ser jerġa' lura għall-kwistjoni fil-laqgħa tiegħu ta' Ġunju.
17. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ser iżidu l-isforzi tagħhom biex jistabbilixxu kuntatt ma' pajjiżi terzi sabiex jappoġġaw lill-Ukrajna f'dawn id-dimensjonijiet kollha, jiġġieldu n-narrattiva falza mir-Russja u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni, u jipprevjenu l-evażjoni u ċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet.

Impatt fuq pajjiżi ġirien

18. Il-Kunsill Ewropew qed isegwi mill-qrib l-impatt tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna fuq il-pajjiżi ġirien u l-Balkani tal-Punent. Huwa jenfasizza l-ħtieġa li jingħata l-appoġġ rilevanti kollu lir-Repubblika tal-Moldova hekk kif tittratta l-kriżijiet interkonnessi tal-enerġija u dik ekonomika, u l-pressjoni migratorja kkawżata mill-gwerra. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu biex tintemm ir-repressjoni fil-Belarussja u jfakkar fid-dritt demokratiku tal-poplu Belarussu għal elezzjonijiet ġodda, ħielsa u ġusti.

II. SIGURTÀ TAL-IKEL

19. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna bil-qawwa l-qerda u l-appropriazzjoni illegali mir-Russja tal-produzzjoni agrikola fl-Ukrajna. Il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna qed ikollha impatt dirett fuq is-sigurtà u l-affordabbiltà tal-ikel madwar id-dinja. Il-Kunsill Ewropew jappella lir-Russja biex ittemm l-attakki tagħha fuq l-infrastruttura tat-trasport fl-Ukrajna, biex tneħħi l-imblokk tal-portijiet Ukreni tal-Baħar l-Iswed u biex tippermetti l-esportazzjonijiet tal-ikel, b'mod partikolari minn Odessa. L-Unjoni Ewropea qed tiegħu miżuri attivi biex tiffaċilita l-esportazzjonijiet agrikoli tal-Ukrajna u biex tappoġġa s-settur agrikolu tal-Ukrajna fid-dawl tal-istaġun 2022. F'dan ir-rigward, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Istati Membri biex jaċċelleraw il-ħidma fuq il-"Korsiji ta' Solidarjetà" mressqa mill-Kummissjoni, u biex jiffaċilitaw l-esportazzjonijiet tal-ikel mill-Ukrajna permezz ta' rotot differenti fuq l-art u portijiet tal-UE.
20. Il-Kunsill Ewropew jappella għal koordinazzjoni internazzjonali effettiva biex jiġi żgurat rispons globali komprensiv għas-sigurtà tal-ikel. F'dan ir-rigward, huwa jilqa' b'sodisfazzjon il-Missjoni ta' Reżiljenza Alimentari u Agrikola (FARM) - ibbażata fuq it-tliet pilastri: il-kummerċ, is-solidarjetà u l-produzzjoni - li għandhom l-għan li jtaffu l-konsegwenzi għal-livelli tal-prezzijiet, il-produzzjoni u l-aċċess għaċ-ċereali u l-provvista tagħhom. Huwa jappoġġa wkoll il-Grupp tan-NU ta' Rispons għall-Kriżijiet Globali, l-inizjattiva li jmiss tal-G7 li tistabbilixxi Alleanza Globali għas-Sigurtà tal-Ikel (GAFS) u azzjonijiet u inizjattivi oħra tal-UE kif ukoll multilaterali. Huwa jtenni l-impenn tiegħu li jżomm il-kummerċ globali tal-prodotti bażiċi tal-ikel ħieles minn ostakli kummerċjali mhux ġustifikati, isaħħaħ is-solidarjetà lejn il-pajjiżi l-aktar vulnerabbli u jżid il-produzzjoni sostenibbli tal-ikel lokali sabiex jitnaqqsu d-dipendenzi strutturali. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tesplora l-possibbiltà li jiġu mobilizzati riżervi mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp biex jiġu appoġġati l-pajjiżi sħab l-aktar milquta. L-Unjoni Ewropea tilqa' b'sodisfazzjon l-impenn u l-appoġġ tas-sħab tagħha u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali.

21. Il-Kunsill Ewropew jissottolinja l-importanza tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) fil-kontribut tal-UE għas-sigurtà tal-ikel u jappella għall-adozzjoni rapida tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK.
22. Fid-dawl tan-nuqqasijiet attwali ta' fertilizzanti fis-suq globali, il-Kunsill Ewropew jappella għal aktar sforzi konġunti biex issir ħidma mas-sħab internazzjonali għall-promozzjoni ta' użu aktar effiċjenti tal-fertilizzanti u ta' alternattivi għalihom.

III. SIGURTÀ U DIFIŻA

23. Il-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna kkawżat ċaqliqa kbira fl-ambjent strateġiku tal-Unjoni Ewropea u wriet il-ħtieġa għal Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża. F'dan il-kuntest il-ġdid, filwaqt li tfakkar fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022, l-Unjoni Ewropea ser timplimenta b'mod riżolut il-Boxxla Strateġika, issaħħaħ is-sħubiji tagħha, issaħħaħ ir-reżiljenza tagħha u żżid il-kapaċità tagħha ta' sigurtà u difiża permezz ta' aktar investimenti u investimenti aħjar, b'enfasi fuq nuqqasijiet strateġiċi identifikati. Ir-relazzjoni trans-Atlantika u l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO, b'rispett sħiħ tal-prinċipji li jinsabu fit-Trattati u dawk maqbula mill-Kunsill Ewropew, inkluż il-prinċipji ta' inklużività, reċiproċità u awtonomija fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea, huma kruċjali għas-sigurtà ġenerali tagħna. Unjoni Ewropea aktar b'saħħitha u aktar kapaċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża ser tikkontribwixxi b'mod pożittiv għas-sigurtà globali u trans-Atlantika u hija komplementari għan-NATO, li tibqa' l-pedament tad-difiża kollettiva għall-membri tagħha. Is-solidarjetà bejn l-Istati Membri hi riflessa fl-Artikolu 42(7) TUE. B'mod aktar wiesa', l-Unjoni Ewropea terġa' tafferma l-intenzjoni tagħha li ssaħħaħ l-appoġġ għall-ordni globali bbażat fuq ir-regoli, bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu.

24. Fid-dawl tal-analiżi tal-lakuni fl-investiment fid-difiża mħejjija mill-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, f'koordinazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, u d-diversi rakkomandazzjonijiet li tressqu għat-tisħiħ tal-bażi industrijali u teknoloġika Ewropea, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex jeżamina l-kwistjonijiet li ġejjin, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi mogħtija mit-Trattati:
- a) bħala kwistjoni ta' urġenza, miżuri għall-koordinazzjoni tal-bżonnijiet fuq żmien qasir ħafna fir-rigward tal-akkwist għad-difiża biex jiġi appoġġat l-akkwist konġunt għar-rikostituzzjoni tal-istokkijiet, b'mod partikolari fid-dawl tal-appoġġ ipprovdut lill-Ukrajna, kif ukoll għodda fuq żmien qasir biex tirrinforza l-kapaċitajiet industrijali tad-difiża Ewropej permezz ta' akkwist konġunt volontarju;
 - b) l-iżvilupp ta' mezzi ta' programmar, akkwist u koordinazzjoni strateġiċi fid-difiża tal-UE, b'mod komplementari man-NATO;
 - c) miżuri ulterjuri biex jiġu mmappjati l-kapaċitajiet tal-manifattura attwali u addizzjonali meħtieġa u biex jirrinforza l-kapaċità u r-reżiljenza tas-settur Ewropew tat-teknoloġija tad-difiża u industrijali, inkluż l-SMEs;
 - d) l-implimentazzjoni aċċellerata ta' proġetti ta' infrastruttura ta' mobbiltà militari;
 - e) rwol imsaħħaħ tal-Bank Ewropew tal-Investiment b'appoġġ għas-sigurtà u d-difiża Ewropea, f'konformità mal-Inizjattiva Strateġika reċenti tiegħu għas-Sigurtà Ewropea.
25. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-preżentazzjoni ta' Programm Ewropew għall-Investiment fil-Qasam tad-Difiża konġunt possibbli, inkluż li jiġi esplorat veikolu għall-eżenzjoni mit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud u għal proġetti ta' difiża Ewropej ta' interess komuni għoli.
26. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għall-kwistjoni f'laqgħa li jmiss.

IV. ENERĠIJA

27. Filwaqt li jfakkar fid-Dikjarazzjoni ta' Versailles u fil-konklużjonijiet tiegħu tal-21 u t-22 ta' Ottubru 2021 u tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022, inkluż fir-rigward tat-taħlitiet, il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti tal-enerġija, il-Kunsill Ewropew eżamina l-progress li sar fl-eliminazzjoni gradwali tad-dipendenza tal-Unjoni Ewropea fuq l-importazzjonijiet mir-Russja tal-gass, taż-żejt u tal-faħam malajr kemm jista' jkun. Wara deċiżjonijiet preċedenti dwar il-projbizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet mir-Russja u l-preżentazzjoni tal-Pjan REPowerEU biex titnaqqas malajr id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi u biex titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija, biex tinkiseb sistema tal-enerġija aktar reżiljenti u Unjoni tal-Enerġija interkonnessa sewwa, huwa jappella għal:

- a) bħala prijorità fuq żmien qasir, id-diversifikazzjoni ulterjuri tas-sorsi u r-rotot tal-provvista u l-iżgurar tal-provvista tal-enerġija bi prezzijiet affordabbli;
- Il-Kunsill Ewropew ihegġegħ l-użu fil-pront, qabel ix-xitwa li gejjja, tal-Pjattaforma tal-UE għax-Xiri tal-Enerġija, li hija miftuħa wkoll għall-Balkani tal-Punent u t-tliet Sħab tal-Lvant assoċjati.
 - Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tesplora wkoll, mas-sħab internazzjonali tagħna, modi kif titrażżan iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, inkluż il-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' limiti massimi temporanji fuq il-prezzijiet fl-importazzjoni fejn ikun xieraq.
 - Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill biex imexxi 'l quddiem il-ħidma fuq l-istrateġija tal-UE dwar l-impenn estern fil-qasam tal-enerġija.
 - Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-importanza ta' sorsi indiġeni ta' enerġija għas-sigurtà tal-provvista.

- b) l-aċċellerazzjoni tal-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli;
- L-użu aċċellerat ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli ser jirrikjedi t-tħaffif immedjat tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi għal proġetti rinnovabbli u jeħtieġ li jkun sostnut minn raggruppament industrijali li jkollu l-għan li jtejjeb l-innovazzjoni, il-kapaċità, il-ħiliet u l-ktajjen tal-provvista għall-enerġija solari u mir-riħ, l-idroġenu, il-bijoenerġija, il-pompi tas-sħana u l-materja prima.
- c) it-titjib ulterjuri tal-effiċjenza fl-enerġija kull fejn ikun possibbli, u l-promozzjoni tal-iffrankar tal-enerġija waqt li jitqies b'mod partikolari l-karattru insulari ta' ċerti Stati Membri;
- d) it-tlestija u t-titjib tal-interkonnessjoni tan-networks Ewropej tal-gass u tal-elettriku billi jsir investment fl-infrastruttura għal proġetti eżistenti u ġodda u billi din tittlesta, inkluż fl-LNG u f'interkonnessjonijiet tal-elettriku u tal-gass lesti għall-idroġenu u validi għall-futur fl-Unjoni Ewropea kollha, inkluż fl-Istati Membri gżejjer, kif ukoll fil-kapaċità ta' produzzjoni rinnovabbli inkluż, abbażi tal-analiżi fil-futur qarib tar-regolaturi u l-kuntest ġeopolitiku attwali, waqt li jittieħed vantaġġ mill-potenzjal tal-Peniżola Iberika li tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista tal-Unjoni Ewropea.
28. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kunsill biex jeżamina malajr il-proposti tal-Kummissjoni biex jintlaħqu l-oġettivi ta' REPowerEU.
29. Fi spirtu ta' solidarjetà Ewropea, it-tnejn għal interruzzjonijiet kbar possibbli fil-provvista u r-reżiljenza tas-suq tal-gass tal-UE għandhom jittejbu, b'mod partikolari permezz ta' qbil rapidu dwar ftehimiet bilaterali ta' solidarjetà u pjan ta' kontinġenza Ewropew ikkoordinat, li għandu jiżgura li interruzzjonijiet kbar fil-provvista jiġu mitigati. Il-mili tal-ħażniet qabel ix-xitwa li jmiss għandu jiġi aċċellerat. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon l-ftehim dwar il-ħżin tal-gass u jappella għall-implimentazzjoni rapida tiegħu.

30. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tar-rapport tal-ACER u jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli malajr il-ħidma dwar l-ottimizzazzjoni tal-funzjonament tas-suq Ewropew tal-elettriku - inkluż l-effett tal-prezzijiet tal-gass fuqu - sabiex dan ikun ippreparat aħjar biex jiflaħ għal volatilità futura eċċessiva tal-prezzijiet, jipprovdi elettriku affordabbli u jkun kompletament adatt għal sistema tal-enerġija dekarbonizzata, waqt li tiġi ppreservata l-integrità tas-Suq Uniku, jinżammu l-inċentivi għat-tranżizzjoni ekoloġika, tiġi ppreservata s-sigurtà tal-provvista u jiġu evitati kostijiet baġitarji sproporzjonati.
-